MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 596/2002

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 31 TA' JANNAR 2003**

**Rikors numru 596/02DM**

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Martin Vella**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' erbgha telef erbgha mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm4429.23), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut minnhu lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilhu mill-istess atturi fix-xhur bejn Gunju 2001 u Marzu 2002, u

dana in segwitu ta' u skond Clienet Contract Number 02839 in relazzjoni man-numru telefoniku cellulari 79709459 tal-istess socjeta', liema kuntratt huwa iffirmat mill-konvenut stess.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' April 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid it-tnejn ipprezentati kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiiet kontra  l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz is-somma mitluba ta' erbgha telef erbgha mija u disa' u ghoxrin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm4429.23) bl-imghaxijiet legali b'effett mill-4 t' Ottubru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------